QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

IMHALLEF

ONOR. DOTTOR JOSEPH G. GA LEA DEBONO B.A. . LL.D.

SEDUTA TAL-HAMIS : 2 TA' MEJJU, 2202

APPELL NRU. 28/2002

IL-PULIZIJA.

(Spettur David Saliba )

vs.

PETER PAUL VELLA

Il-Qorti ,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant quddiem Il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fit-13 ta' Settembru, 2001 , talli :-
1. f'Hal Farrug , limiti ta' Hal Luqa , nhar il-11 ta' Settembru, 2001, ghall-habta ta' 7.50 p.m. uza sistema jew apparat ta' telekomunikazzjoni provdut minn provvditur awtorizzat ghal xi ghan li ma jkunx dak li ghalih ikun gie provvdut , jew naqas milli osserva dawk l-istruzzjonijiet li jinhargu minn provditur awtorizzat ghall-uzu sew tas-sistema tat-telekomunikazzjonijiet jew taghmir jew ghamel uzu mhux sew billi cempel lill-Pulizija fuq in-numru tal-emergenza 199;
2. u talli fl-istess data, hin , lok u cirkostanzi , ddenunzja lill-Pulizija Esekuttiva , reat li jaf li ma sarx , billi cempel lil Pulizija u ta rapport ta' theddida ta' bomba fil-mitjar internazzjonali ta' Malta , jew inkella bil-qerq holoq tracci ta' reat b' mod li jistghu jimbdew proceduri kriminali sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar ;
3.ukoll talli f'dawn il-Gzejjer f'dawn l-ahhar xhur , u qabel il-11 ta' Settembru, 2001, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi , u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda ai termini tal-artikolu 18 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta ;
4. talli fl-istess zminijiet f'hinijiet differenti u cirkostanzi bhala detentur tal-Karta tal-Identita' numru 454349(M) , kellu fil-pussess tieghu l-imsemmija karta tal-identita' bil-partikolarijiet jew xi taghrif iehor meta ma kienux jew ma baqghux korretti , kif ukoll naqas minghajr dewmien li jikkonsenja l-karta ta' l-identita' mhux korretta , u dan ai termini tal-art. 9 tal-Kap.258 tal-Ligijiet ta' Malta ;
5. talli hu recidiv b'diversi sentenzi liema sentenzi huma definittivi u li ma jistghux jigu imhassra.

Rat is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta'Gudikatura Kriminali fid-29 ta' Jannar, 2002, fejn sabet lill-appellant hati skond l-akkuzi kollha u - wara li rat l-artikoli 17, 18, 49 , 50 u 110 (2) tal-Kap.9. , l-artikolu 9 tal-Kap.258 u l-artikolu 39 (1) (d) tal-Kap.399, ikkundannatu fuq l-akkuzi (1) , (2) u (5) komplessivament ghall-piena ta' disa' xhur prigunerija u multa ta' mitt lira Maltin (LM100) fuq l-akkuzi (3) u (4) .

Rat ir-rikors tal-appel tal-appellant ipprezentat fil-5 ta' Frar, 2002, li bih talab li l-imsemmija sentenza tigi imhassra u revokata u b'hekk hu jigi liberat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu u fin-nuqqas u fl-eventwalita' li dina l-Qorti tkun tal-fehma li l-appellant ghandu jinsab hati tal-akkuzi dedotti kontra tieghu, , allura ssir riforma fil-piena fis-sens illi l-appellant jigi kundannat piena anqas harxa u li aktar tirifletti c-cirkostanzi tal-kaz in ezami .

Rat illi l-aggravji tal-appellant fil-qosor jikkonsistu filli l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament zbaljat u li id-difiza tat spjegazzjoni ta dak li gara tramite id-depozizzjoni tal-appellant u dana entro il-grad ta' probabbilita' , li l-ewwel Qorti kellha taghmel ezami dwar x' fil-fatt fehmet il-Pulizija li wiegbet it-telefon ; u li id-dubju kellu jmur favur l-appellant ; li it-telefonata li allegatament ghamel l-appellant ma kienetx wahda anonima ghax setghet tigi rintraccjata . Li il-piena setghet tkun multa gholja u li f'kull kaz il-piena karcerarja ta' disa' xhur hija wahda oneruza u li l-appellant hu biedem ta' familja bi tfal minorrenni u ta' eta' zghira u li gja kellu hafna diffikultajiet ghax meta hareg mill-habs wara li skonta sentenzi kontra tieghu, saba difficli biex isib ix-xoghol u li ir-reati kommessi certament li ma jistghux jitqiesu bhala reati li tant igibu stmerrija li jimmeritaw piena karcerarja ta' disa' xhur .

Ezaminat ix-xiedha traskritta quddiem l-ewwel Qorti u d-dokumenti esebiti ;

Rat in-Nota tal-Avukat Generali tat-22 t'April, 2002 dwar il-piena applikabbli ghad-diversi reati ;

Semghet it-trattazzjoni ,

Ikkunsidrat ,

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellant hu li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament hazin tal-provi u li skartat l-ispjegazzjoni li inghatat mill-appellant fix-xhieda tieghu ta' kif graw il-fatti ghax ma accettatx din il-versjoni , meta waslet biex issib htija . Illi kif gie ritenut ripetutament minn din l-Qorti , fejn si tratta ta' apprezzament ta' provi traskritti quddiem l-ewwel Qorti , din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezjoni u l-gudizzju tal-ewwel Qorti li tkun semghet ix-xhieda hi "viva voce" u kienet ghalhekk f' pozizzjoni ahjar li tiggudika fuq il-kredibilita' u l-attendibilita' taghhom , dana s'intendi sakemm ma jkunx jidher lil din il-Qorti li l-konkluzzjoni raggunta mill-ewwel Qorti kienet "unsafe and unsatisfactory" u li , fuq il-bazi tal-provi li rrizultaw , l-ewwel Qorti qatt ma setgfhet tasal ghall-konkluzzjoni ta' htija li tkun waslet ghaliha fis-sentenza appellata.

Illi minn ezami dettaljat tal-provi li ghamlet din il-Qorti , hija tinsab sodisfatta li altru milli kien hemm provi sufficjenti biex jigu sostnuti l-akkuzi kollha dedotti kontra l-appellant u li jwasslu sa dak il-grad ta' certezza morali li hija rikjesta f'mohh il-gudikant fil-kamp kriminali . Di fatti irrizulta li kien mit-telfon mobile tal-appellant li saret telefonata anonima lin-numru 199 fil-11 ta' Settembru, 2002 ghall-habta tas-7.58 p.m. Min tkellem , b'vuci ta' ragel , qal lil WPC 203 Dorothy Busuttil li kienet "on duty" fil-Control Room tad-Depot "rega hemm bomba ohra fl-airport" . L-I.D. Card Caller tella in-numru 0945 6664 li hi nizzlet dak il-hin fuq karta (Dok DS 6) . Hi informat lis-superjuri taghha u bhala rizultat ta' dan skattat operazzjoni ta' verifika u tfittix fl-ajruport ta' Malta li kienet sahansitra tinvolvi li bagalji li kienu diga tghabbew fuq ajruplani jergghu jitnizzlu u jigu screened , saru checks fuq l-ajruplani u anki issejhu impjegati fl-ajruport biex jimmanjaw certi punti strategici fl-Ajruport stess stante dit-theddida . Issejhu tal-Explosives Ordnance Disposal Unit , bdew jizvujtaw il-Public Areas , inqalhu nies tas-Security tal-M.I.A. u bdew mill-ewwel tfittxija fil-Public Areas , bhal toilets, lifts , tarag u flok 10% tfittix fil-hand luggage bdew ifittxu 100% u ghalhek kellhom jingiebu hafna nies minn postijiet ohra.

In-numru li deher fuq l-I.D. Caller gie rintraccjat li hu tal-appellant u dan gie interrogat mill-Ispettur David Saliba . Illi ghall-ewwel l-appellant kien cahad , pero' sussegwentement kien stqarr li kien qed jisma' l-ahbarijiet , kellu il-mobile phone tieghu fuq is-sufan u waqt li qed jitkellem mat-tifel tieghu , dana cempel in-numru 199 u qal xi diskors lit -tifel tieghu . Hu cahad li kien qal id-diskors lil Pulizija , pero' qal biss li l-Pulizija setghu semghu dan id-diskors li hu kien qed jghid lit-tifel tieghu . Meta umbaghad l-Ispettur Saliba kien ta struzzjonijiet biex jingieb it-tifel, l-appellant qallu li il-verita' kienet li dak il-hin it-tifel kien barra jilghab il-football . Fatt dan li gie sussegwentement konfermat mill-istess tifel meta kellmu s-Surgent P.S. 336 Antoine Schembri . L-ghada umbaghad l-appellant kien ghamel stqarrija (Dok. DS 5) fejn "inter alia" , raga tenna li kien qed jara l-ahbarijiet u kien hemm it-tifel hdejh u jaf li kellu it-telefon hdejh u dan kien ipprogrammat fuq il-199 u jahseb li laqtu b'accident . Id-diskors kien lit-tifel li saret bomba , pero' daqshekk . Pero' pressat mill-Ispettur li il-jum ta' qabel hu kien qal li it-tifdel

ma kienx hdejh , l-appellant qal li x'hin cempel veru ma kienx hdejh it-tifel u zied : "Kieku ma kienx ihallini zgur." Veru ukoll li lanqas il-mara ma kien hemm hdejh dak in-nhar . Umbaghad , wara li kien qal li cempel bi zball , beda jichad li cempel u l-Ispettur Saliba fl-istqarrija ikkonfrontah b'din l-inkonsistenza . Umbaghad meta l-ispettur issuggierielu li it-telefonata kien ghamilha b'cajta, qallu : "Li gara ghamiltu bi zball mhux cajta."

Illi WPC 203 Dorothy Busuttil, xehdet li il-vuci ta' ragel li kellmitha kienet wahda normali ghad-domanda tal-Qorti jekk il-vuci kienetx il- boghod jew inkella vicin u qalet li ma semghet xejn aktar fuq it-telefon .

Meta xehed quddiem l-ewwel Qorti , l-appellant rega tenna li kien hemm it-tifel u kelba tal-but jiccajtaw u t-telecel kien fuq in-numru 199 u lit-tifel hu qallu "Misshom jaghmlu bomba l-ajruport . Cahad li hu cempel id-Depot u qalilhom li kien hemm bomba . Intlaqat il-mobile u kien issettjat fuq il-199 . Zball genwin igifieri . Dak il-hin kien hemm l-istorbju u l-kelba tghajjat . Umbaghad rega qal li it-tifel ma kienx qieghed barra dak il-hin ghax wara it-8 p.m. hareg .

Minn dawn il-provi hu assodat li fil-fatt saret telefonata mill-mobile phone tal-appellant dak in-nhar tal-11 ta' Settembru, 2001 ghall-habta tas-7.58 p.m. u li WPC semghet il-kliem "rega hemm bomba ohra fl-ajruport" . L-appellant accetta li din it-telefonata saret mill-mobile tieghu , izda l-ewwel kien cahad umbaghad qal li sar bi zball jew incident , umbaghad qal li kien hemm ibnu hdejh u kien qed ikellem lilu . Wara qal li mhux veru ibnu kien hemm. Umbaghad rega' bidel il-versjoni u qal li kien hemm ibnu u l-kelb tal-but u intlaqat il-mobile li kumbinazzjoni kien ipprogrammat fuq il-199 u li dak li gara kien zball genwin

Illi fil-fehma tal-Qorti , il-versjoni tal-appellant mhux biss hi wahda mimlija inkonsistenzi interni ripetuti izda hija wahda manifestament improbabbli u inattendibbli u zgur li bl-ebda mod ma tiskossja il-konkluzzjoni ta' htija li waslet ghaliha l-ewwel Qorti . Zgur li ma jistax jintqal li l-konkluzjoni dwar htija tal-ewwel Qorti kienet wahda "unsafe and unsatisfactory" . Ghalhekk din il-Qorti ma ghandix raguni biex tvarjha jew tirrevokha . L-argument tad-difiza li l-appellant ma kienx ser jaghmel telefonata simili mill-mobile tieghu ghax kien jaf li jista' jigi "traced" bl-I.D. Caller mhux wiehed validu ghax l-appellant mhux necessarjament kien jaf li fejn cempel kien hemm l-I.D. Caller u li seta' jigi traccat facilment kif gara.

Illi ma hemmx aggravju jew kontestazzjoni dwar il-htija fuq it-tielet u r-raba imputazzjoni referibbilment ghall-ksur tal-Att dwar il-Karta tal-Identita' , dwar ir-recidiva u dwar il-konkors tar-reati .

Illi dwar il-piena , din il-Qorti ma tiddisturbax il-piena moghtija mill-ewwel Qorti sakemm din ma tohrogx mill-parametri preskritti mill-ligi jew tkun manifestament sproporzjonata. Fil-kaz in ezami , ir-reat taht l-artikolu 110(2) tal-Kap.9 wahdu jipprovdi ghall-piena ta' prigunerija ghal zmien ta' mhux aktar minn sena . Meta wiehed umbaghad iqis ir-recidiva li dwarha l-appellant mhux qed iqajjem kontestazzjoni , il-piena massima tista' titla' bi grad . Ghalhekk il-piena karcerarja inflitta mill-ewwel Qorti taqa' entro il-paramentri stipulati mill-ligi. Din il-Qorti ma thossx li, fil-kaz in ezami , tenut kont tar-recidiva, tal-kondotta penali negattiva precedenti tal-appellant u tad-dannu li sar bl-imsemmija telefonata fil- jum delikat ferm ta'tensjoni mondjali tal-11 ta'Settembru, 2001 u li gabet hafna "disruption" u inkonvenjent ghall-utenti tal-ajruport internazzjonali ta' Malta u spejjez u problemi ghall-awtoritajiet responsabbli mit-tmexxija tas-sikurta' fl-ajruport u dana apparti hsara lill-industrija tat-turizmu , il-piena inflitta mill-ewwel Qorti kienet sproporzjonata .

Ghal dawn il-motivi , l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata qed tigi konfermata.

(ft) Joseph Galea Debono
Imhallef.

Paul Miruzzi Dep. Reg.

2.5.02.